

# L-Ewwel Statwa tal-Madonna tal-Karmnu f'Malta

**Dr Mark Agius** *(Rettur tal-Arċikonfraternità tal-Madonna tal-Karmnu)*
**Maria Grazia Zenzani u Valentina Lupo** *(Restawraturi – Atelier del Restauro)*

L-Oratorju tal-Madonna tal-Karmnu għal sekli sħaħ kien monument magħruf fi Triq it-Teatru Qadim il-Belt Valletta. Meta wieħed iħares ġewwa, wieħed minnufih jintlaqat mill-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li tinstab fuq l-artal prinċipali. Wieħed huwa wkoll affaxxinat bin-numru kbir ta' ex-voto tal-fidda, repliki ta' partijiet tal-ġisem tal-bniedem, li tant numerużi li huma rranġati b'disinni fi gwarniċi li jżejnu l-pilastri u l-ħitan tal-Oratorju. In-numru kbir ta' ex-voto fuq il-ħitan huwa evidenza tad-devozzjoni tal-poplu tal-Belt Valletta lill-Madonna taħt it-titlu tal-Madonna tal-Karmnu. L-Oratorju huwa s-sede tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu, li hija organizzazzjoni volontarja marbuta mas-Santwarju-Bażilika u l-Kunvent tal-Karmelitani, u li tappoġġja x-xogħol tal-Ordni Karmelitan fil-Belt u li tippromwovi d-devozzjoni skapulari.

Huwa dokumentat li xi kavallieri ngħaqdu mal-Fratellanza, bħal Granmastri li jinkludu lil Raphael u Nicholas Cotoner, u Balìs Pinto u Pappalardo. Il-benefatturi ewlenin kienu l-pittur Giuseppe d'Arena (1712), il-fiddar ewlieni Michele Pianta (1725) u Gabriele Henin, professur tal-kirurġija u l-anatomija (1741). Baron Cesare Passalaqua kien ukoll wieħed mill-akbar benefatturi li huma mfakkra sal-lum. Fl-1664 huwa ta lill-Konfraternità l-ġiżirajjen eċċezzjonali, magħrufa bħala l-Katina tal-Passalaqua, li għadha teżisti sal-lum u tintlibes mill-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu fl-Oratorju. Din il-ġiżiran fiha 28 rubini, 5 djamanti u 94 perla.



**Iċ-ċintill ta' Passoloqua li ngħata lil din il-vara fl-1664**

Il-Konfraternità tal-Madonna tal-Belt Valletta tissemma għall-ewwel darba fl-1622, l-aħħar sena li fiha Alof de Wignacourt kien il-Granmastru tal-Ordni ta' San Ġwann. Kien fit-13 ta' Frar ta' dik is-sena li l-Konfraternità ġiet imwaqqfa uffiċjalment, u fl-istess jum il-membri tal-konfaternità ħadu sehem f'purċissjoni fil-

Belt Valletta għall-ewwel darba. Dak iż-żmien, il-Belt Valletta kienet għadha qed tinbena. L-ewwel Oratorju tal-Konfraternità ġie akkwistat fl-1622, imbagħad ġie estiż fl-1642. It-tieni, Oratorju, li kien isbaħ, ġie akkwistat fl-1655. Fl-1895 il-knisja Karmelitana ħadet l-unur ta' Bażilika Minuri, il-patrijiet talbu lill-Konfraternità biex jagħtuhom l-oratorju tagħhom sabiex ikunu jistgħu jtejbu l-apside u jibnu 'Tribuna', li huwa soltu ta' bażiliċi żgħar. Il-konfaternità ngħatat bi skambju żona tal-kunvent bħala l-oratorju ġdid, li huwa l-oratorju li naraw illum.



**Ritratt antik li juri l-purċissjoni tal-festa b'din il-vara. Aktarx din il-vara tal-Karmnu (tal-Oratorju) kienet tintuża peress li l-vara preżenti kienet f'post iktar sigur biex tkun imħarsa mill-bombi tal-għadu**

L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu hija l-ewwel statwa tal-Madonna tal-Karmnu magħrufa fil-Gżejjer Maltin, u probabbilment kienet miġjuba minn Ruma fl-1657. Hi pparteċipat fil-purċissjoni tas-16 ta' Lulju ta' dik is-sena. Id-data eżatta tal-manifattura tagħha u l-anqas l-awtur tagħha, ma huma magħrufa. Fil-preżent, il-konfraternità hija partikolarment interessata fl-identifikazzjoni tal-provenjenza sħiħa ta' din l-istatwa.

Bejn l-1622 u l-1657, il-purċissjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu (is-sittax ta' Lulju) kienet saret mingħajr statwa. Huwa ddokumentat, li mill-1657 din l-ewwel statwa kienet meħuda fil-Purċissjoni fis-16 ta' Lulju u fl-Ottava tas-16 ta' Lulju. Huwa maħsub li l-istatwa inġiebet fil-Belt Valletta ftit snin qabel l-1657, iżda jeżisti rekord definit li kienet fil-Belt Valletta fl-1657.

Patri Lawrence Sammut, O.Carm, isemmi l-possibbiltà li l-istatwa jista' jkollha rabta mal-grupp ta' Skulturi Rumani relatati mal-artist Malti famuż Melchiorre Gafà. B'mod partikolari huwa ssuġġerixxa li l-iskultur seta' kien Ercole Ferrata, li kien jaħdem miegħu Melchiorre Gafà, jew saħansitra seta' kien Bernini. Nafu ċertament li Melchiorre Gafà fassal l-istatwa tal-Madonna tar-Ružarju fir-Rabat fl-1660, u nafu li din l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu kienet qiegħda tinħareġ fil-Proċessjoni fl-1657, u għalhekk ġiet maħduma qabel l-Istatwa ta' Gafà, u għalhekk tidher li hija l-ewwel statwa ta' dan it-tip fil-Gżejjer Maltin. Il-provi ta' dan huma ppubblikati f'artiklu minn Valentin Borg Gusman O.Carm. li fih Borg Gusman jiddeskrivi r-rekord tal-ħlas tal-istatwa fl-1657.

Sussegwentement, il-Konfraternità akkwistat statwa oħra tal-purċissjoni tal-Madonna tal-Karmnu minn Napli, skolpita minn Gennaro Reale, li waslet minn Napli fl-1780, u għalhekk l-aħħar darba li l-ewwel Statwa ntużat fil-purċissjoni tas-16 ta' Lulju jew fil-purċissjoni tal-Ottava, kien fl-1780. Aktar tard din l-istatwa ngħatat mill-membri tal-konfraternità lill-Knisja u kunvent tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta.

## L-istat ta' konservazzjoni tal-Istatwa tal-Madonna tal-Karmnu

L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu hija skultura ta' daqs 1.82 ċm fit-tul. Għandha espressjoni ta' serenità kbira, il-moviment jidher mill-pożizzjoni tal-figura fejn il-ġisem huwa imdawwar ftit u r-ras hija mdawra. Ix-xogħol bir-reqqa mwettaq fuq id-drappeġ jirrakkixxi s-sbuħija ta' din l-iskultura unika. L-istat ħażin ta' konservazzjoni kemm tas-support tal-













Dettalji mill-vara u l-ewwel fażijiet ta' restawr
fuq din l-opra tal-arti



injam kif ukoll tas-saff taż-żebgħa, wassal lill-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu biex tikkummissjona investigazzjoni professjonali tal-istat ta' konservazzjoni tal-istatwa. Atelier del Restauro ltd. ġiet ikkummissjonata biex twettaq valutazzjoni dettaljata tal-kundizzjoni tal-istatwa. L-istatwa kienet skolpita mill-injam, iżda għadu mhux magħruf jekk l-intern tal-istatwa huwiex sħiħ jew vojt. Bosta fatturi li probabbilment jinkludu kundizzjonijiet ambjentali, it-tnaqqis tal-materjali oriġinali, il-ġarr tal-istatwa u l-interventi ta' restawr tal-passat wasslu għal varjetà ta' danni li ppreżentaw ruħhom matul iż-żmien u li jaffettwaw l-istat attwali tal-konservazzjoni tal-injam kif ukoll tas-saffi konsekuttivi ta' preparazzjoni u polikromija.

Statwi tal-injam huma partikolarment sensittivi għal kundizzjonijiet ambjentali. Xquq preżenti fl-istruttura kienu probabbilment ikkawżati minn nuqqas ta' koeżjoni wara li l-injam esperjenza tensjonijiet fiżiċi interni kkawżati minn bosta fatturi. Xokk mekkaniku u vibrazzjonijiet mit-trasport u l-immaniġġjar fil-passat jistgħu jkunu wkoll il-kawża tax-xquq. L-inklinazzjoni tittrasferixxi l-piż tal-istatwa fuq żoni aktar fraġli li jiġġenera pressjonijiet li imbagħad jiffurmaw xquq. Il-moviment tal-injam jifforma wkoll xquq mikroskopiċi fil-polikromija, li jwassal għal telf u tqaxxir taż-żebgħa.



Mill-investigazzjonijiet mwettqa ġie konkluż li l-istatwa qed tbati minn problema ewlenija ta' telf ta' adeżjoni bejn is-saff tal-preparazzjoni (gesso) u l-injam. Jidher ukoll li żoni kbar ta' polikromija diġà ntilfu. Matul l-ispezzjoni ġie konkluż li żoni tal-mantell u speċjalment l-uċuħ huma fil-bżonn urġenti ta' adeżjoni u trattament ta' konsolidazzjoni biex tiġi evitata l-ħsara irriversibbli ta' telf ta' żoni ta' żebgħa.

Matul is-snin l-iskultura għaddiet minn varji interventi ta' restawr, li l-aktar ikkonċernaw is-saffi taż-żebgħa u l-indURATURA. L-ebda dokumentazzjoni jew kronoloġija tal-interventi tal-passat mhuma magħrufa s'issa, iżda madankollu huwa evidenti li l-istatwa għaddiet minn interventi sostanzjali fil-passat. Iż-żebgħa miżjuda hija ta' kwalità fqira. Matul l-ispezzjoni ġew osservati tliet interventi differenti:

- It-tunika ġiet indurata u ma tidhirx li hija oriġinali għall-perjodu tal-manifattura; kif ukoll diversi żoni ġew miżbugħa bl-użu ta' porporina li biż-żmien ossidizzat u biddlet il-kulur għall-aħdar/griż.

- Sar intervent ieħor fuq il-kulur tal-krema fil-parti ta' fuq tat-tunika, fejn ġie applikat kulur abjad/griż oħxon ħafna. Il-dekorazzjonijiet indurati fil-parti ta' fuq kienu kompletament miksija bil-porporin.

- In-naħa ta' ġewwa tal-mantell kienet miżbugħa bl-użu ta' żebgħa kulur il-fidda, li biż-żmien ġiet ossidizzata.

- Il-polikromija tat-ton tal-karnaġġjon kemm tal-Verġni kif ukoll ta' Ġesù ġew miżbugħin. L-għajnejn tal-Verġni huma magħmula mill-ħġieġ. Meta spezzjonat mill-qrib, l-għajnejn Ġesù huma tal-ħġieġ u huma viżibbli taħt iż-żebgħa, u għalhekk fil-passat dawn kienu miżbugħin bl-użu ta' żebgħa bbażata fuq iż-żejt.

Il-proġett ta' restawr u konservazzjoni tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu mmexxi minn Maria Grazia Zenzani u Valentina Lupo minn Atelier del Restauro Ltd, beda bi studju xjentifiku tal-istatwa. Dan se jinkludi studju dettaljat tat-teknika tal-manifattura, materjali kostitwenti, interventi tal-passat u stat aktar dettaljat ta' konservazzjoni tal-istatwa permezz ta' dokumentazzjoni

u numru ta' investigazzjonijiet xjentifiċi dijanjostiċi. B'mod partikolari, l-istudju tagħna se jkun iffokat fuq it-teknika tal-manifattura u l-materjali tal-istatwa bl-użu ta' strumenti dijanjostiċi. Dawn jinkludu investigazzjoni b'X-Rays, biex nistudjaw il-kostruzzjoni tal-istatwa u interventi tal-passat fuq il-bażi tal-injam. Żewġ kampjuni tal-injam se jiġu estratti sabiex jiġu identifikati l-ispeċi tal-injam użat.

Sussegwentement, sabiex jiġu analizzati l-istruttura u l-kompożizzjoni taż-żebgħa u preparazzjoni, mikro-kampjuni ser jittieħdu minn partijiet differenti tal-istatwa u jiġu analizzati permezz tal-użu ta' diversi strumenti xjentifiċi. Dan juri n-numru eżatt ta' saffi ta' żebgħa preżenti. Imbagħad, testijiet stratigrafiċi jservu biex jipprovdu indikazzjonijiet tal-kompożizzjoni tas-saffi taż-żebgħa u preparazzjoni tad-drapeġġ, kif ukoll tal-wiċċ u tal-idejn.

Fuq kollox, l-istudju ser jifhem it-teknika tal-kostruzzjoni tal-istatwa u l-materjali li ntużaw. Jipprovdi wkoll studju fil-fond tal-istat tal-konservazzjoni tal-istatwa, inkluż informazzjoni importanti li ser tkun meħtieġa biex tiġi stabbilita metodoloġija ta' konservazzjoni xierqa.

Għalhekk, meta dak kollu jkun lest, il-proġett ta' konservazzjoni attwali jibda skont approċċ konservattiv adottat għall-preżervazzjoni fit-tul ta' din l-istatwa importanti li teħtieġ it-titjib kemm tal-istruttura u l-estetika tagħha, filwaqt li fl-istess ħin tiggarantixxi li l-istatwa tkompli tissodisfa l-iskop simboliku tagħha għall-ġenerazzjonijiet futuri.

*Il-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu tixtieq tniedi appell għall-ġbir tal-fondi meħtieġa biex jitwettaq u jitlesta l-proġett ta' konservazzjoni u restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol uniku ta' arti ta' importanza nazzjonali, li ladarba konservata u restawrata se tkun attrazzjoni kulturali eċċezzjonali għall-Belt Valletta.*

*Isem tal-Kont: Fratellanza Madonna tal-Karmnu Valletta*

*IBAN: Bank APS bank Valletta BranchMT47AP SB77024007458520001368268.*

ATELIER DEL RESTAURO
CONSERVATION & SCIENTIFIC ANALYSIS OF WORKS OF ART

**Ix-xogħol ta' restawr qiegħed isir mill-kumpanija Atelier del Restauro Ltd info@ atelierdelrestauro.com mobile: 79534766 / 79278777 jew 27099705**

## Referenzi:


Lawrence Sammut O.Carm. Is-Santwarju tal-Karmnu 1952

Marian Devotion in the Maltese Carmelite Province during the 17th and 18th centuries. Valentin Borg Gusman O.Carm in Marian Devotions in the Island of St Paul (1600-1800) Ed Vincent Borg Historical Society 1983

Philip Mallia: *The Dominican Order and the Blessed Virgin in Malta till the end of the 18th Century* (301-311) in Marian Devotions in the Island of St Paul (1600-1800) Ed Vincent Borg Historical Society 1983





Le 3 Sorelle
(ITALIAN FOOD)
Guarnaccia Carmelo
147, Old Bakery Street, Valletta
Mob: 9950 1264